# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa b'URĠENZA tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33

Data tal-laqgħa: 8 ta' Ottubru, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa 8 ta' Ottubru 2025 fil-5.35p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard (SKUŻATA) |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:35p.m. billi ntqalet it-talba.

## 33/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**33/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, sabiex tinforma li ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba raġuni ta' saħħa.

**33/01/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-ittra t'aploġija.

## 33/02 Finanzjament ta' Proġetti u Attivitajiet

**33/02/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat lill-Kunsilliera preżenti li din il-laqgħa b'urġenza kienet ġiet imsejħa peress li xtaqet li l-Kunsill ikun aġġornat b'komunikat li l-Kunsill kien irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Finanzi ta' l-iskemi.

**33/02/02** Is-Sa Meli qrat il-komunikazzjoni li dan il-Kunsill kien irċieva. Liema komunikazzjoni qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti permezz ta' 'Dokument A'.

**33/02/03** Is-Sa Meli spjegat kif din il-komunikazzjoni kienet qed tirreferi għall-iskema tal-avveniment fi żmien il-Milied 2025 u dwar il-proġett ta' *Top of the World.* Żiedet tgħid ukoll kif il-Kunsill kellu jgħati risposta lura sal-15 t'Ottubru 2025.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**33/02/04** Is-Sa Meli spjegat kif wara din il-komunikazzjoni, reġgħet ingħatat titwila lejn l-ispejjeż tal-milied peress li l-iskema finanzjarja mhijiex iffinanzjata kompletament u għaldaqstant il-Kunsill huwa obbligat li jiffinanzja 75% ta' din l-iskema u peress li l-Kunsill m'għandux finanzi biżejjed biex joħroġ il-kumplament.

**33/02/05** Is-Sa Meli spjegat ukoll kif is-sitwazzjoni preżenti, il-Kunsill m'għandux flus biex joħroġ id-differenza ta' 25% u kif, għal din ir-raġuni, il-Kunsill għandu jara kif dawn il-ħlasijiet u anke ħlasijiet oħra ta' skemi oħra, il-Kunsill għandu jirrikorri għand enetitajiet oħra.

**33/02/06** Is-Sa Meli infurmat kif dwar l-iskema tal-Milied, il-Kunsill bagħat komunikat kemm lil Visit Malta kif ukoll lill-Kunsill Reġjonali Lvant biex jikkonfermaw jekk hux ser ikunu qed jerġgħu jinħarġu skemi finanzjarji relatati ma' żmien il-Milied u b'hekk ikunu jistgħu jiffinanzjaw id-differenza ta' din l-iskema finanzjarja. Hi żiedet tgħid ukoll kif, bħala Kunsill, qed issir talba għal-entitjajiet governattivi oħra.

**33/02/07** Is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk ir-Reġjun ikkonfermax dwar l-iskema finanzjarja.

**33/02/08** Is-Sa Meli infurmat li ma kienx għad hemm komunikazzjoni uffiċjali dwar dan.

**33/02/09** Is-Sa Meli spjegat kif aktarx il-persentaġġ li jrid jinħareġ mill-Kunsill ser ikun kopert permezz ta' l-għajnuna finanzjarja filwaqt li skjemi oħra jrid ikun hemm għajnuna mingħand entitajiet oħra nkella l-Kunsill ma jkunx jistà jmexxi fuq dawn il-proġetti minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali.

**33/02/10** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-proġett flimkien ma' l-Università ta' Malta sabiex isiru studju fuq il-Għargħur.

**33/02/11** Id-DSE staqsiet lis-Sa Meli jekk kienitx ser tagħmel referenza għall-laqgħa li kienet inżammet mad-Direttur tal-Finanżi u *Procurement*, is-Sa Clare Bugeja, peress li kien hemm punt important li għandu jissemma relatat ma' dan.

**33/02/12** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera sabiex tagħti spjegazzjoni dwar dak li kien ġara kemm hi kienet fil-pożizzjoni ta' DSE u hi setgħet tkompli tispjega dwar il-laqgħa mas-Sa Bugeja li kienet inżammet aktar kmieni dakinar.

**33/02/13** Id-DSE spjegat kif meta hi kienet bdiet dan l-irwol f'dan il-Kunsill u kienet saret taf dwar l-ammont ta' pagamenti li kienu pendenti, hi kienet tkellmet mas-Sindku ta' dak iż-żmien, is-Sa Helen Gauci, u nfurmata li kienet ser tkun qed titlob laqgħa mad-Direttur, is-Sa Bugeja, sabiex tinforma dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill kif ukoll sabiex titlob direzzjoni dwar kif il-Kunsill jistà jindirizza din il-problema.

**33/02/14** Id-DSE kompliet tgħid kif meta nżammet din il-laqgħa lura f'Diċembru 2024, is-Sa Bugeja kienet irrakomandat li l-Kunsill għandu l-ewwel jgħalaq is-sena finanzjarja 2024 u jressaq ir-rapporti finanzjarja, umbad il-Kunsill ikun jistà jerġa jsejjaħ laqgħa oħra sabiex tingħata direzzjoni.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**33/02/15** Id-DSE qalet ukoll kif minħabba li l-Kunsill kien għadu kif approva r-rapporti finanzjarji ftit tal-ġranet ilu, hi kienet talbet laqgħa mas-Sa Bugeja u kif din kienet inżammet aktar kmieni dakinhar. Hi qalet ukoll kif matul din il-laqgħa hi infurmat lis-Sa Bugeja li dawn ir-rapporti kienu ġew mgħoddija lill-NAO, l-awdituri, kif ukoll lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u kif matul il-ġranet li ġejjin l-amministrazzjoni flimkien mal-accountants tal-Kunsill ser ikunu qed jiffinalizzaw id-dokumenti mitluba mill-awdituri sabiex ikunu jistgħu jgħatu d-dati għal meta ser isir l-awditjar fuq is-sena 2024.

**33/02/16** Id-DSE spjegat kif għalkemm il-pożizzjoni finanzjarja hija waħda ħażina, hi spjegat lis-Sa Bugeja li bħala Kunsill qed jgħamel minn kollox biex iġib fondi addizzjonali sabiex isiru ċertu proġetti li kienu skedati. Hi spjegat ukoll kif is-Sa Bugeja tat parir lill-Kunsill sabiex fiċ-ċirkustanzi li kien jinsab fihom ikun aħjar jekk il-Kunsill ma jgħamilx proġetti kapitali.

**33/02/17** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif bħala Kunsill diġa qed jipproċedu fuq din il-mentalità fejn qed isiru biss proġetti essenzjali u fejn tinżamm avveniment, il-Kunsill qed jara li jġib fondi addiżżjonali minn entità governattiva jew *sponsorship*.

**33/02/18** Is-Sa Meli qalet ukoll kif f'Diċembru 2024 hi ma kinitx infurmata bil-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

**33/02/19** Is-Sa Marilena Galea staqsiet meta kienet inżammet l-ewwel aqgħa onlajn mas-Sa Bugeja.

**32/02/20** Id-DSE infurmat li hi kienet bdiet taġixxi fil-Kunsill mill-25 ta' Novembru 2024 u l-laqgħa kienet saret f'Diċembru 2024 jew Jannar 2025 wara li kienet ser tagħmel l-ewwel laqgħa tal-Kunsill u kienet ġiet mistoqsija mill-impjegata liema pagamenti kienu ser ikunu nkluża fuq l-iskeda ta' ħlasijiet u liema kienu ser jinżamu pendenti.

**33/02/21** Is-Sa Marilena Galea qalet kif id-DSE kienet qalet li kellha laqgħa mas-Sa Bugeja fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill lura f'Diċembru

**33/02/22** Is-Sa Mariah Meli spjegat li dak iż-żmien ħadd mill-Kunsilliera ma kien infurmat bil-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

**33/02/23** Id-DSE infurmat kif hi ma kinitx tiftakar eżatt kif il-Kunsill kien ġie infurmat pero hi spjegat kif malli hi kienet indunat bis-sitwazzjoni finanzjarja, hi talbet direzzjoni mad-Diviżjoni biex anke tiġbed l-attenzjoni dwar dak li kien hemm qabel ma tibda taġixxi hi.

**33/02/24** Is-Sa Meli u s-Sur Christopher Fenech qalu li l-ammonti qatt ma kienu ċari fil-laqgħat tal-Kunsill.

**33/02/25** Id-DSE infurmat kif l-ammonti bdew jiġu żviluppati hekk kif bdew jiġu ppreparati r-rapporti finanzjarji sabiex il-Kunsill ikun infurmat bil-qagħda finanzjarja tal-kunsill.

**33/02/26** Id-DSE qalet kif issa qed isiru l-preparamenti meħtieġa sabiex is-sena finanzjarja tiġi mgħaluqa u jinżamm l-awditjar tas-sena 2024. Hi spjegat kif matul il-laqgħa li kienet inżammet aktar kmieni filgħodu mas-Sa Bugeja, kien hemm preżenti l-accountants tal-kunsill sabiex ikun hemm insistenza magħhom u qbil għal kif ser jiġu ppreparati r-rapporti finanzjarji.

**33/02/27** Id-DSE infurmat li matul il-laqgħa mad-Direttur, il-Kunsill ġie mitlub li jiġi maħluq Kumitat Finanzjarju u infurmat kif ser tkun qed tara l-liġi x'tgħid eżatt sabiex il-Kunsill ikun jistà jimxi

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

mal-proċeduri meħtieġa. Hi spjegat li dan jiġi maħluq meta l-Kunsill ikun irreġistra deficit fil-finanzi tal-Kunsill u nfurmat li ser tkun qed taġġorna lill-Kunsill dwar dan aktar 'il quddiem.

**33/02/27** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-proġett fi Triq Għaxqet l-Għajn fejn kien hemm risposta mill-Perit tal-Kunsill u ppreżenta lill-Kunsill żewġ għażliet. Hi infurmat li kienet ressqet xi domandi lil Perit bħal per eżempju dwar il-wiċċ tal-ġebel u l-Perit ikkonferma li kollox kien in regola. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kellu għażla waħda li ser tkun skond il-baġit li hemm allokat għal dan il-proġett.

**33/02/28** Is-Sindku infurmat kif sadanittant il-kunsill reġa nforma lill-persuna li qed tieħu ħsieb is-sejħa ta' offerti sabiex jipprepara din is-sejħa skond l-informazzjoni aġġornata mgħotija mill-Perit tal-kunsill

**33/02/29** Is-Sindku, is-Sa Meli, għamlet referenza għall-laqgħa li hi kellha flimkien mas-Sa Helen Gauci, ma' l-istudenti tal-Università. Hi spjegat kif l-Universita dejjem kinet qalet li dan l-istudju kien ser ikun bla ħlas. Madanakollu hi nfurmat kif meta hi rċiviet il-kuntratt kien hemm klawsola fuq it-termini finanzjarji fejn kien qed jitlob lill-Kunsill il-ħlas ta' €1000 bħala kontribuzzjoni lill-fakulta. Hi qalet ukoll kif il-Kunsill kien qed jiġi mitlub ukoll iħallas għall-premju ta' €500 lill-persuna li tkun fl-ewwel post u ta' €250 għal persuna li tkun fit-tieni post.

**33/02/30** Is-Sa Meli spjegat kif hi tkemet lura mal-fakulta sabiex tikkjarifika dwar dan peress li l-Kunsill qatt ma kien infurmat b'dawn il-ħlasijiet u li dejjem kienu qalu li dan kien bla ħlas. Hi spjegat kif l-Universita irid jgħaddi minn Dipartiment sabiex ikun jistà joħroġ dawn it-tip ta' kuntratti u dan il-ħlas kien sar peress li qabel l-Universita kienet qed tittieħed *forgranted* u fl-istess ħin qed jgħatu inċentiv lill-istudenti li jkunu qed jipparteċipaw.

**33/02/31** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif hi infurmat li din il-komunikazzjoni kienet ser titressaq quddiem il-Kunsill għal direzzjoni u staqsiet ukoll jekk l-ammonti mitluba kienux definiti.

**33/02/32** Kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti u kien hemm qbil sabiex is-Sindku terġa tkellem lill-Università sabiex l-ammont ikun inqas minn dak mitlub u l-ħlas ikun maqsum u mhux jingħata kollox f'darba. Hi qalet ukoll li l-Kuntratt kien qiegħed ukoll għand l-avukat tal-kunsill sabiex naċċertaw li hemm kollox kif suppost.

## 33/03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**33/03/01** Il-laqgħa spiċċat fil-17:45pm. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**